Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 643/2009

tat-22 ta' Lulju 2009

li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal tagħmir refriġeranti tad-dar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 191, 23.7.2009, p. 53)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2282 tat-30 ta' Novembru 2016	L 346	51	20.12.2016

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 226, 28.8.2009, p. 23 (643/2009)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 643/2009

tat-22 ta' Lulju 2009

li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal tagħmir refriġeranti tad-dar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir refriġeranti tad-dar li jopera permezz tal-elettriku u li jesa' volum ta' mhux aktar minn 1 500 litru.

2. Dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli għal tagħmir refriġeranti tad-dar li jopera permezz tal-elettriku, li jinkludi t-tagħmir li jinbiegħ għal użu mhux fi djar jew għal refriġerazzjoni ta' oġġetti mhux tal-ikel.

Għandu jkun applikabbli wkoll għal tagħmir refriġeranti tad-dar li jopera permezz tal-elettriku u li jista' jopera permezz tal-batteriji.

3. Dan ir-Regolament mhux applikabbli għal:

(a) tagħmir ta' refriġerazzjoni li s-sors prinċipali tal-enerġija tiegħu mhux l-elettriku, imma fjuwils bħall-gass likwefatt tal-petroljum (LPG), il-pitrolju u l-bijodiżil;

(b) tagħmir ta' refriġerazzjoni li jopera permezz tal-batteriji li jista' jiġi mqabbad mal-mejns tal-elettriku permezz ta' konverter AC/DC li jinxtara separatament;

(c) tagħmir ta' refriġerazzjoni magħmul ta' darba u apposta għal użu partikolari, u li ma jkunx ekwivalenti għal mudelli oħra ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni;

(d) tagħmir ta' refriġerazzjoni għal użu fis-settur terzjarju fejn it-tneħħija tal-oġġetti tal-ikel minn ġo fih tingħaraf elettronikament u dik l-informazzjoni tkun tista' tiġi trażmessa awtomatikament minn konnessjoni ta' netwerk lejn sistema ta' kontroll remota għal fini ta' kontabilità;

(e) tagħmir li l-funzjoni primarja tiegħu ma tkunx il-konservazzjoni ta' oġġetti tal-ikel permezz tar-refriġerazzjoni, pereżempju il-magni indipendenti li jipproduċu s-silġ jew id-dispensers tax-xarbiet imkessħin.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2005/32/KE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "oġġetti tal-ikel" tfisser ikel, ingredjenti, xorb li jinkludi l-inbid, u oġġetti oħra intenzjonati l-aktar għall-konsum li jeħtieġ jinżammu mkessħin f'temperaturi speċifiċi;

▼B

(2) “tagħmir refriġeranti tad-dar” tfisser armarju iżolat, b’kompartiment wieħed jew aktar, magħmul biex ikessaħ jew jiffriża oġġetti tal-ikel, jew għall-ħżin ta’ oġġetti tal-ikel imkessħin jew iffriżati għal skopijiet mhux professjonali, imkessaħ permezz ta’ proċess jew proċessi li jikkonsmaw l-enerġija, inkluż tagħmir li jinbiegħ bħala kitt li jintrama mill-utent aħħari;

(3) “friġġ” tfisser tagħmir refriġeranti magħmul biex jintuża għall-konservazzjoni ta’ oġġetti tal-ikel li mill-inqas ikollu kompartiment wieħed li fih jista’ jinħażen l-ikel u/jew ix-xorb frisk, inkluż l-inbid;

(4) “tagħmir refriġeranti tat-tip bil-kompressjoni” (compression-type) tfisser tagħmir refriġeranti fejn ir-refriġerazzjoni ssir permezz ta’ kumpressur li jaħdem b’mutur;

(5) “tagħmir refriġeranti tat-tip bl-assorbiment” (absorption-type) tfisser tagħmir refriġeranti fejn ir-refriġerazzjoni ssir permezz ta’ proċess ta’ assorbiment li juża s-sħana bħala s-sors tal-enerġija;

(6) “friġġ-friżer” tfisser tagħmir refriġeranti li mill-inqas ikollu kompartiment wieħed għall-ħżin ta’ ikel frisk u mill-inqas kompartiment ieħor li fih jista’ jiġi ffriżat l-ikel frisk u jinħażnu oġġetti tal-ikel iffriżati b’kundizzjonijiet ta’ ħżin bi “tliet stilel” (il-kompartiment għall-iffriżar tal-ikel);

(7) “armarju għall-ħżin tal-ikel iffriżat” tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu kompartiment wieħed jew aktar adegwati għall-ħżin ta’ oġġetti tal-ikel iffriżati;

(8) “friżer tal-ikel” tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu kompartiment wieħed jew aktar adegwati għall-iffriżar ta’ oġġetti tal-ikel f’temperaturi li jvarjaw mit-temperatura tal-ambjent sa -18 °C, u li jkun adegwat ukoll għall-ħżin ta’ oġġetti tal-ikel iffriżati b’kundizzjonijiet ta’ ħżin bi “tliet stilel”; friżer tal-ikel jista’ jkollu wkoll xi taqsimiet u/jew kompartimenti b’ “żewġ stilel”, fil-kompartiment jew fl-armarju;

(9) “tagħmir għall-ħżin tal-inbid” tfisser tagħmir refriġeranti li ma jkollux kompartimenti għajr kompartiment jew aktar li fihom jinħażen l-inbid;

(10) “tagħmir b’diversi użi” tfisser tagħmir refriġeranti li ma jkollux kompartimenti għajr kompartiment jew aktar li għandhom diversi użi;

(11) “tagħmir refriġeranti ekwivalenti” tfisser mudell li jitqiegħed fis-suq li jkollu l-istess volum gross, l-istess volum utli, l-istess karatteristiċi tekniċi, ta’ effiċjenza u ta’ prestazzjoni, u l-istess tip ta’ kompartimenti bħal mudell ta’ tagħmir refriġeranti ieħor mqiegħed fis-suq mill-istess manifattur iżda b’numru tal-kodiċi kummerċjali differenti.

Definizzjonijiet addizzjonali għall-fini tal-Annessi II sa VI huma stipulati fl-Anness I.

▼B

Artikolu 3

Rekwiżiti tal-ekodisinn

Ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn għal tagħmir refriġeranti tad-dar li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament huma stipulati fil-Punt 1 tal-Anness II. Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn għal tagħmir refriġeranti tad-dar li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament huma stipulati fil-Punt 2 tal-Anness II.

Artikolu 4

Valutazzjoni tal-konformità

1. Il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/32/KE għandha tkun is-sistema tal-kontroll intern tad-diżinn stipulata fl-Anness IV għal dik id-Direttiva jew is-sistema tal-ġestjoni stipulata fl-Anness V għal dik id-Direttiva.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2005/32/KE, il-fajl ta' dokumentazzjoni teknika għandu jinkludi kopja tat-tagħrif dwar il-prodott provdut skont il-Punt 2 tal-Anness III, u r-riżultati tal-kalkoli stipulati fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

Meta l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika ta' mudell partikolari ta' tagħmir refriġeranti tad-dar tkun ir-riżultat ta' kalkolu li jsir abbażi tad-disinn, jew ta' estrapolazzjoni minn tagħmir refriġeranti tad-dar ekwivalenti ieħor, jew tat-tnejn, id-dokumentazzjoni għandha tinkludi dettalji tat-tali kalkoli jew estrapolazzjonijiet, jew tat-tnejn, u ta' testijiet li l-manifatturi jwettqu biex jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kalkoli mwettqa F'dawn il-każijiet, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi wkoll lista tal-mudelli l-oħra kollha ta' tagħmir refriġeranti tad-dar ekwivalenti li l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni tagħhom tkun inkisbet bl-istess bażi ta' kalkolu.

Artikolu 5

Proċedura ta' verifika għall-finijiet ta' sorveljanza tas-suq

Meta jwettqu l-kontrolli ta' sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2005/32/KE għar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-proċedura ta' verifika deskritta fl-Anness V għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Punti ta' riferiment

Il-punti ta' riferiment indikattivi għat-tagħmir refriġeranti tad-dar bl-aħjar prestazzjoni disponibbli fis-suq meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ huma stipulati fl-AnnessVI.

▼B

Artikolu 7

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku mhux aktar tard minn ħames snin wara li jidħol fis-seħħ u tippreżenta r-riżultat ta' din ir-reviżjoni lill-Forum tal-Konsultazzjoni dwar l-Ekodisinn. B'mod partikolari, ir-reviżjoni għandha tivvaluta l-verifika tat-tolleranzi tal-Anness V u l-possibbiltajiet ta' tneħħija jew tnaqqis tal-valuri tal-fatturi ta' korrezzjoni tal-Anness IV.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li jiġu adottati rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid sa mhux aktar tard minn sentejn wara li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.

Artikolu 8

Tħassir

Id-Direttiva 96/57/KEE ġiet imħassra mill-1 ta' Lulju 2010.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il- Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

2. Ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn stipulati fil-punt 1(1) tal-Anness II huma applikabbli mill-1 ta' Lulju 2010.

Ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn stipulati fil-punt 1(2) tal-Anness II huma applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn għall-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija stipulati fil-Punt 2 tal-Anness II huma applikabbli skont l-iskeda stipulata fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness II.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Definizzjonijiet applikabbli għall-fini tal-Annessi II sa VI

Għall-finijiet tal-Annessi II sa VI, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “tagħmir refriġeranti ta’ tip ieħor” tfisser tagħmir refriġeranti fejn ir-refriġerazzjoni ssir permezz ta’ kwalunkwe teknoloġija jew proċess ieħor li mhux tat-tip bil-kompressjoni jew tat-tip bl-assorbiment;

(b) “sistema li ma tipproduċix silġ (frost-free)” tfisser sistema li topera awtomatikament biex ma tħallix silġ jifforma b’mod permanenti, fejn it-tkessiħ isir permezz ta’ ċirkulazzjoni furzata tal-arja, is-silġ jitwaqqa’ minn fuq l-evaporatur jew l-evaporaturi b’sistema awtomatika tat-twaqqigħ tas-silġ, u l-ilma prodott mit-twaqqigħ tas-silġ jintrema awtomatikament;

(c) “kompartiment mingħajr silġ” tfisser kwalunkwe kompartiment li s-silġ tiegħu jitwaqqa’ permezz ta’ sistema li ma tipproduċix silġ;

(d) “tagħmir ingastat” tfisser tagħmir refriġeranti fiss magħmul biex jiġi installat f’armarju, fi spazju vojt f’ħajt jew f’xi post simili, u li jeħtieġ elementi oħra biex ikun komplet;

(e) “Friġġ b’kompartiment b’temperatura moderata” tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu mill-inqas kompartiment wieħed għall-ħżin tal-ikel frisk u kompartiment ieħor b’temperatura moderata, iżda ebda kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat, għat-tkessiħ jew li fih isir is-silġ;

(f) “tagħmir b'temperatura moderata” tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu biss kompartiment b'temperatura moderata wieħed jew aktar;

(g) “friġġ-chiller” tfisser tagħmir refriġeranti li jkollu mill-inqas kompartiment wieħed għall-ħżin tal-ikel frisk u kompartiment ieħor taċ-chiller, iżda ebda kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat;

(h) “kompartimenti” tfisser kwalunkwe wieħed mill-kompartimenti elenkati fil-punti (i) sa (p);

(i) “kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk” tfisser kompartiment iddisinjat għall-ħżin ta’ ikel mhux iffriżat, li jista’ huwa stess ikun maqsum f’kompartimenti iżgħar;

(j) “kompartiment b'temperatura moderata” tfisser kompartiment magħmul għall-ħżin ta’ oġġetti tal-ikel jew xorb partikolari f’temperatura ogħla minn dik ta’ kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk;

(k) “kompartiment għat-tkessiħ” tfisser kompartiment magħmul speċifikament għall-ħżin tal-oġġetti tal-ikel li jeħżienu malajr;

(l) “kompartiment li fih isir is-silġ” tfisser kompartiment li jkollu temperatura baxxa u li jkun magħmul speċifikament għall-iffriżar u l-ħżin tas-silġ;

(m) “kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat” tfisser kompartiment li jkollu temperatura baxxa u li jkun magħmul speċifikament għall-ħżin ta’ oġġetti tal-ikel iffriżati u kklassifikat skont it-temperatura kif ġej:

(i) “kompartiment bi stilla waħda”: kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat fejn it-temperatura ma tkunx ogħla minn – 6 °C;

(ii) “kompartiment b’żewġ stilel”: kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat fejn it-temperatura ma tkunx ogħla minn – 12 °C;

(iii) “kompartiment bi tliet stilel”: kompartiment għall-ħżin tal-ikel iffriżat fejn it-temperatura ma tkunx ogħla minn – 18 °C;

(iv) “kompartiment għall-iffriżar tal-ikel” (jew “kompartiment b’erba’ stilel”): kompartiment li jkun adegwat għall-iffriżar ta’ mill-inqas 4,5 kg ta’ oġġetti tal-ikel għal kull 100 l ta’volum ta’ ħżin, u fl-ebda każ ta’ inqas minn 2 kg, mit-temperatura tal-ambjent sa – 18 °C f’perjodu ta’ 24 siegħa, li jkun adegwat ukoll għall-ħżin ta’ ikel iffriżat b’kundizzjonijiet ta’ ħżin bi tliet stilel, u li fil-kompartiment jista’ jkollu taqsimiet b’żewġ stilel,

▼B

(v) “kompartiment 0-stilel”: kompartiment għall-ħżin ta’ ikel iffriżat li jkollu temperatura ta’ < 0 °C u li jista’ jintuża għall-iffriżar u l-ħżin tas-silġ iżda mhux magħmul għall-ħżin ta’ oġġetti tal-ikel li jeħżienu malajr;

(n) “kompartiment għall-ħżin tal-inbid” tfisser kompartiment li jkun ġie ddisinjat esklussivament biex l-inbid jinżamm fih għal perjodu ta’ żmien qasir sakemm jilħaq l-aħjar temperatura għax-xorb jew biex l-inbid jinżamm fih għal perjodu ta’ żmien twil sakemm jimmatura, u li jkollu dawn il-karatteristiċi:

(i) temperatura tal-ħżin kontinwu, issettjata minn qabel mill-manifattur jew issettjata manwalment skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, fil-medda ta’ bejn + 5 °C u + 20 °C;

(ii) temperatura(i) tal-ħżin li maż-żmien tvarja/ivarjaw b’anqas minn 0.5 K f’kull temperatura tal-ambjent iddikjarata speċifikata skont il-klassi klimatika tat-tagħmir refriġeranti tad-dar;

(iii) kontroll attiv jew passiv tal-umdità fil-kompartiment f’medda ta’ bejn 50 % u 80 %;

(iv) magħmul biex inaqqas it-trażmissjoni tal-vibrazzjoni lejn il-kompartiment, kemm min-naħa tal-kumpressur tat-tagħmir refriġeranti kif ukoll min-naħa ta’ kwalunkwe sors estern;

(o) “kompartiment b’diversi użi” tfisser kompartiment magħmul biex jintuża f’żewġ temperaturi jew aktar tal-kompartimenti u li jkun jista’ jiġi ssettjat mill-utent aħħari b’mod li jżomm kontinwament il-medda ta’ temperaturi ta’ tħaddim applikabbli għal kull tip ta’ kompartiment skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur; madankollu, jekk xi funzjoni tippermetti li t-temperaturi ta’ kompartiment ikunu jistgħu jinbidlu għal medda ta’ temperaturi ta’ tħaddim differenti għal perjodu ta’ żmien limitat biss (bħall-funzjoni ta’ ffriżar rapidu) il-kompartiment mhuwiex “kompartiment b’diversi użi” kif definit minn dan ir-Regolament;

(p) “kompartiment ieħor” tfisser kompartiment, li mhux kompartiment għall-ħżin tal-inbid, magħmul għall-ħżin ta’ oġġetti tal-ikel partikolari f’temperaturi ogħla minn + 14 °C;

(q) “taqsima b’żewġ stilel” tfisser parti minn friżer tal-ikel, kompartiment għall-iffriżar tal-ikel, kompartiment bi tliet stilel jew armarju għall-ħżin tal-ikel iffriżat b’kundizzjonijiet ta’ tliet stilel li ma jkollhomx bieb jew għatu tagħhom u li t-temperatura tagħhom ma tkunx ogħla minn – 12 °C;

(r) “chest freezer” tfisser friżer tal-ikel li l-kompartiment/i tiegħu ikun/u aċċessibbli min-naħa ta’ fuq tat-tagħmir jew li jkollu kompartimenti tat-tip li jinfetħu minn fuq u oħrajn tat-tip li jinfetħu min-naħa ta' quddiem iżda fejn il-volum gross tal-kompartiment/i li jinfetaħ/jinfetħu minn fuq ikun ogħla minn 75 % tal-volum gross totali tat-tagħmir;

(s) “tat-tip li jinfetħu minn fuq” jew “tat-tip chest” tfisser tagħmir refriġeranti li l-kompartiment/i tiegħu jkun/u aċċessibbli min-naħa ta’ fuq tat-tagħmir;

(t) “tat-tip li jinfetħu minn quddiem (upright)” tfisser tagħmir refriġeranti li l-kompartiment/i tiegħu jkun/u aċċessibbli min-naħa ta’ quddiem fuq tat-tagħmir;

(u) “iffriżar rapidu” tfisser funzjoni riversibbli li l-utent aħħari jista' jattiva skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur biex inaqqas it-temperatura tal-ħżin tal-friżer jew tal-kompartiment tal-friżer biex jiffriża l-oġġetti tal-ikel mhux iffriżati fi żmien iqsar.

▼B

ANNESS II

Rekwiżiti tal-ekodisinn għal tagħmir refriġeranti tad-dar

(1) REKWIŻITI ĠENERIĊI TAL-EKODISINN

(1) Mill-1 ta' Lulju 2010:

(a) Għat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid, din l-informazzjoni li ġejja għandha tintwera fil-ktejjeb tal-istruzzjonijiet ipprovdut mill-manifatturi: "Dan it-tagħmir huwa magħmul biex jintuża biss għall-ħżin tal-inbid".

(b) Għat-tagħmir refriġeranti tad-dar, fil-ktejjeb tal-istruzzjonijiet ipprovdut mill-manifatturi għandha tingħata informazzjoni dwar:

— l-għażla ta' kxaxen, basktijiet u xkafef li jwasslu għall-aktar użu effiċjenti tal-enerġija minn dak it-tagħmir, kif ukoll

— il-mod kif jitnaqqas kemm jista' jkun il-konsum tal-enerġija mit-tagħmir refriġeranti tad-dar waqt li jintuża.

(2) Mill-1 ta' Lulju 2013:

(a) Sa mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi attivata mill-utent aħħari skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, il-funzjoni tal-iffriżar rapidu, jew kwalunkwe funzjoni simili li ssir possibbli bil-bdil fis-settings tat-termostat, fi friżers jew f'kompartimenti ta' friżer, għandha, terġa' lura awtomatikament għall-kundizzjonijiet normali preċedenti tat-temperatura tal-ħżin. Dan ir-rekwiżit mhux applikabbli għal friġġ-friżers li jkollhom termostat wieħed u kumpressur wieħed mgħammra b'bord tal-kontroll elettromekkaniku.

(b) Il-friġġ-friżers b'termostat wieħed u b'kumpressur wieħed mgħammra b'bord tal-kontroll elettroniku u li skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur jistgħu jintużaw f'temperaturi tal-ambjent aktar baxxi minn + 16 °C, għandhom ikunu tali li kwalunkwe swiċċ għall-użu fix-xitwa jew funzjoni simili li tiggarantixxi t-temperatura korretta għall-ħżin tal-ikel iffriżat tibda tiffunzjona awtomatikament skont it-temperatura tal-ambjent li t-tagħmir ikun ġie installat fih.

(c) It-tagħmir refriġeranti tad-dar li jkollu volum ta' ħżin ta' inqas minn 10 litri, sa mhux aktar tard minn siegħa li jkun vojt, għandu jibda jopera awtomatikament f'modalità fejn il-konsum tal-enerġija elettrika jkun 0,00 W. Il-preżenza ta' swiċċ tat-tifi waħida mhix biżżejjed biex tissodisfa dan ir-rekwiżit.

(2) REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TAL-EKODISINN

It-tagħmir refriġeranti tad-dar li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u li jkollu volum ta' ħżin ta' 10 litri jew aktar għandu jkun konformi mal-limiti tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija li jidhru fit-Tabelli 1 u 2.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn fit-Tabelli 1 u 2 mhumiex applikabbli għal:

— tagħmir għall-ħżin tal-inbid, jew

— tagħmir refriġeranti tat-tip bl-assorbiment u tagħmir refriġeranti ta' tip ieħor li jaqgħu fil-Kategoriji 4 sa 9 kif stipulat fil-Punt 1 tal-Anness IV.

L-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*) ta' tagħmir refriġeranti tad-dar jitkejjel skont il-proċedura deskritta fl-Anness IV.

▼B

Tabella 1

Tagħmir refriġeranti tat-tip bil-kompressjoni

Id-data tal-applikazzjoni	Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*)
1 ta' Lulju 2010	*EEI* < 55
1 ta' Lulju 2012	*EEI* < 44
1 ta' Lulju 2014	*EEI* < 42

Tabella 2

Tagħmir refriġeranti tat-tip bl-assorbiment u tagħmir refriġeranti tat-tip Ieħor

Id-data tal-applikazzjoni	Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*)
1 ta' Lulju 2010	*EEI* < 150
1 ta' Lulju 2012	*EEI* < 125
1 ta' Lulju 2015	*EEI* < 110

▼B

ANNESS III

Kejl

Għall-fini tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl għandu jitwettaq permezz ta' proċedura ta' kejl affidabbli, preċiża u riproduċibbli, li tqis il-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati ġeneralment rikonoxxibbli, inkluż il-metodi stipulati f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

1. KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-ITTESTJAR

Dawn il-kundizzjonijiet ġenerali għall-ittestjar huma applikabbli:

(1) jekk it-tagħmir ikun armat b'reżistenzi li ma jħallux il-kondensazzjoni tifforma u li jkunu jistgħu jinxtegħlu jew jintfew mill-utent aħħari, dawn għandhom jinxtegħlu u — jekk aġġustibbli — issettjati f'pożizzjoni ta' tisħin massimu;

(2) jekk it-tagħmir ikun armat b' "funzjonijiet operabbli minn fuq il-bieb" tagħhom (bħad-dispensers tas-silġ jew tal ilma/xorb imkessaħ) u li jkunu jistgħu jinxtegħlu jew jintfew mill-utent aħħari, dawn għandhom jinżammu mixgħulin waqt li jittieħed il-kejl tal-konsum tal-enerġija iżda ma jintużawx;

(3) fit-tagħmir u kompartimenti b'diversi użi, it-temperatura tal-ħżin waqt li jittieħed il-kejl tal-konsum tal-enerġija għandha tkun it-temperatura nominali tat-tip ta' kompartiment l-aktar kiesaħ kif iddikjarat għall użu kontinwu normali skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

(4) il-konsum tal-enerġija ta' tagħmir refriġeranti għandu jiġi ddeterminat bl-aktar konfigurazzjoni kiesħa, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur għall-użu kontinwu normali għal kwalunkwe "kompartiment ieħor" kif definit fit-Tabella 5 tal-Anness IV.

2. PARAMETRI TEKNIĊI

Għandhom jiġu stabbiliti dawn il-parametri:

(a) "il-qisien globali", li jitkejlu sal-eqreb millimetru;

(b) "l-ispazju globali meħtieġ għall-użu", li jitkejjel sal-eqreb millimetru;

(c) "il-volum/i gross totali", li jitkejjel sal-eqreb numru sħiħ ta' deċimetri kubi jew litri;

(d) "il-volum/i tal-ħżin u l-volum/i tal-ħżin totali", li jitkejjel sal-eqreb numru sħiħ ta' deċimetri kubi jew litri;

(e) "it-tip tat-twaqqigħ tas-silġ";

(f) "it-temperatura tal-ħżin";

(g) "il-konsum tal-enerġija" li jiġi indikat f'kilowatt hours kull 24 siegħa (kWh/24h), sa tliet ċifri wara l-punt deċimali;

(h) ►C1 "dewmien taż-żieda fit-temperatura" ◄;

(i) "il-kapaċità tal-iffriżar";

(j) "il-konsum tal-enerġija elettrika", li jitkejjel f'Watts sal-eqreb żewġ ċifri wara l-punt deċimali; kif ukoll

(k) "l-umdità fil-kompartiment għall-ħżin tal-inbid", li tiġi indikata bħala perċentwali aġġustat sal-eqreb numru sħiħ.

▼B

ANNESS IV

Metodu għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija

(1) KLASSIFIKAZZJONI TAT-TAGĦMIR REFRIĠERANTI TAD-DAR

Fit-Tabella 1, it-tagħmir refriġeranti tad-dar huwa kklassifikat f'kategoriji. Kull kategorija hija definita skont il-kompożizzjoni speċifika tal-kompartimenti kif speċifikat fit-Tabella 2 u ma tiddipendendix mill-għadd ta' bibien u/jew kxaxen.

Tabella 1

Kategoriji tat-tagħmir refriġeranti tad-dar

Kategorija	Tismija
1	Friġġ b'kompartiment wieħed jew aktar għall-ħżin ta' ikel frisk
2	Friġġ b'kompartiment b'temperatura moderata, Kompartiment b'temperatura moderata u tagħmir għall-ħżin tal-Inbid
3	Friġġ-chiller u Friġġ b'kompartiment 0-stilel
4	Friġġ b'kompartiment bi stilla waħda
5	Friġġ b'kompartiment b'żewġ stilel
6	Friġġ b'kompartiment bi tliet stilel
7	Friġġ-friżer
8	Friżer li jinfetaħ minn quddiem
9	Chest freezer
10	Tagħmir b'diversi użi u tagħmir refriġeranti ieħor

It-tagħmir refriġeranti tad-dar li ma jistax jiġi kklassifikat fil-kategoriji 1 sa 9 minħabba t-temperatura tal-kompartiment jiġi kklassifikat fil-kategorija 10.

Tabella 2

Klassifikazzjoni tat-tagħmir refriġeranti tad-dar u kompożizzjoni speċifika tal-kompartimenti

Temperatura nominali (għall-EEI) (°C)	T tad-dis-inn	+ 12	+ 12	+ 5	0	0	– 6	– 12	– 18	– 18	
Tipi tal-kompartimenti	Oħrajn	Ħżin tal-inb-id	Komp-arti-ment b'tem-pera-tura moder-ata	Ħżin ta' ikel frisk	Komp-artime-nt	0star/ Fabbri-kazzjo-ni tas-silġ	Stilla waħ-da	Żewġ stilel	Tliet stilel	Erba' stilel	Kate-gorija (num-ru)
Kategorija tat-tagħmir	Kompożizzjoni tal-kompartimenti										
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT WIEĦED JEW AKTAR GĦALL-ĦŻIN TA' IKEL FRISK	N	N	N	I	N	N	N	N	N	N	1
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT B'TEMPERATURA MODE-RATA, KOMPARTIMENT B'TEMPERATURA MODE-RATA u TAGĦMIR GĦALL-ĦŻIN TAL-INBID	MO	MO	MO	I	N	N	N	N	N	N	2
	MO	MO	I	N	N	N	N	N	N	N	
	N	I	N	N	N	N	N	N	N	N	

▼B

Temperatura nominali (għall-EEI) (°C)	T tad-dis-inn	+ 12	+ 12	+ 5	0	0	– 6	– 12	– 18	– 18	
Tipi tal-kompartimenti	Oħrajn	Ħżin tal-inbid	Kompartiment b'temperatura moderata	Ħżin ta' ikel frisk	Kompartiment	0star/ Fabbrikazzjoni tas-silġ	Stilla waħda	Żewġ stilel	Tliet stilel	Erba' stilel	Kategorija (numru)
Kategorija tat-tagħmir	Kompożizzjoni tal-kompartimenti										
FRIĠĠ-CHILLER u FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT BI STILLA WAĦDA	MO	MO	MO	I	I	MO	N	N	N	N	3
	MO	MO	MO	I	MO	I	N	N	N	N	
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT BI STILLA WAĦDA	MO	MO	MO	I	MO	MO	I	N	N	N	4
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT B'ZEWĠ STILEL	MO	MO	MO	I	MO	MO	MO	I	N	N	5
FRIĠĠ B'KOMPARTIMENT BI TLIET STILEL	MO	MO	MO	I	MO	MO	MO	MO	I	N	6
FRIĠĠ-FRIŻER	MO	MO	MO	I	MO	MO	MO	MO	MO	I	7
FRIŻER LI JINFETAĦ MINN QUDDIEM	N	N	N	N	N	N	N	MO	I [a]	I	8
CHEST FREEZER	N	N	N	N	N	N	N	MO	N	I	9
TAGĦMIR B'DIVERSI UŻI U TAGĦMIR IEĦOR	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	MO	10

Noti:

I = għandu kompartiment;
L = ma għandux kompartiment;
MO = mhux obbligatorju li jkollu kompartiment;
[a] tinkludi wkoll l-armarji għall-ħżin tal-ikel iffriżat b'kundizzjonijiet ta' ħżin bi tliet stilel.

It-tagħmir refriġeranti tad-dar huwa kklassifikat fi klassijiet klimatiċi kif indikat fit-Tabella 3.

Tabella 3

Klassijiet klimatiċi

Klassi	Simbolu	Temperatura medja tal-ambjent °C
Temperatura moderata estiża	SN	+ 10 to +32
Temperatura moderata	N	+ 16 to +32
Temperatura subtropikali	ST	+ 16 to +38
Temperatura tropikali	T	+ 16 to +43

▼B

It-tagħmir refriġeranti għandu jkollu l-kapaċità li jżomm it-temperaturi ta' ħżin meħtieġa fid-diversi kompartimenti fl-istess ħin u fil-limitu permess ta' devjazzjoni tat-temperatura (matul iċ-ċiklu tat-twaqqigħ tas-silġ) kif definit fit-Tabella 4 għat-tipi differenti ta' tagħmir refriġeranti tad-dar u għall-klassijiet klimatiċi xierqa.

It-tagħmir u/jew il-kompartimenti b'diversi użi għandhom ikollhom il-kapaċità li jżommu t-temperaturi ta' ħżin meħtieġa fid-diversi tipi ta' kompartimenti meta dawn it-temperaturi jkunu jistgħu jiġu ssettjati mill-utent aħħar skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Tabella 4

Temperaturi tal-ħżin

Temperaturi tal-ħżin (C)							
Kompartiment Ieħor	Kompartiment għall-ħżin tal-inbid	Kompartiment b'temperatura moderata	Kompartiment għall-ħżin ta' ikel frisk	Kompartiment għat-tkessiħ	Kompartiment bi stilla waħda	Kompartiment/Taqsima b'żewġ stilel	Friżer u kompartiment/armarju għall-ħżin tal-ikel bi tliet stilel
t_{om}	t_{wma}	t_{cm}	t_{1m}, t_{2m}, t_{3m}, t_{ma}	t_{cc}	t*	t**	t***
> + 14	+ 5 ≤ twma ≤ + 20	+ 8 ≤ t_{cm} ≤ + 14	0 ≤ t_{1m}, t_{2m}, t_{3m} ≤ + 8; t_{ma} ≤ + 4	− 2 ≤ t_{cc} ≤ + 3	≤ − 6	≤ − 12 ([a])	≤ − 18 ([a])

Noti:

t_{om}: temperatura tal-ħżin tal-kompartiment l-ieħor

t_{wma}: temperatura tal-ħżin tal-kompartiment għall-ħżin tal-inbid b'varjazzjoni ta' 0.5K

t_{cm}: temperatura tal-ħżin tal-kompartiment b'temperatura moderata

t_{1m}, t_{2m}, t_{3m}: temperaturi tal-ħżin tal-kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk

t_{ma}: temperaturi medji tal-ħżin tal-kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk

t_{cc}: temperatura instantanja tal-ħżin tal-kompartiment taċ-chiller

t*, t**, t***: temperaturi massimi tal-kompartimenti għall-ħżin tal-ikel iffriżat

it-temperatura tal-ħżin għall-kompartiment li fih isir is-silġ u għall-kompartiment "stilel-0" hija aktar baxxa minn 0 °C

([a]) għat-tagħmir refriġeranti tad-dar li ma jagħmilx silġ miegħu, waqt iċ-ċiklu tat-twaqqigħ tas-silġ, hija permessa devjazzjoni ta' mhux aktar minn 3 K f'perjodu ta' 4 sigħat jew f'perjodu ta' 20 % tat-tul ta' żmien taċ-ċiklu ta' tħaddim, skont liema jkun l-iqsar

(2) KALKOLU TAL-VOLUM EKWIVALENTI

Il-volum ekwivalenti ta' tagħmir refriġeranti tad-dar huwa t-total tal-volumi ekwivalenti tal-kompartimenti kollha. Dan jiġi kkalkulat fl-unità ta' litri u aġġustat għall-eqreb numru sħiħ skont din il-formula:

$$V_{eq} = \left[\sum_{c=1}^{c=n} V_c \times \frac{25 - T_c}{20} \times FF_c\right] \times CC \times BI$$

fejn:

— n huwa n-numru ta kompartimenti

— V_c huwa l-volum tal-ħżin tal-kompartiment/i

— T_c hija t-temperatura nominali tal-kompartiment(i) kif stipulat fit-Tabella 2

— $\frac{25 - T_c}{20}$ huwa l-fattur termodinamiku kif stipulat fit-Tabella 5

— *FFc, CC* u *BI* huma l-fatturi ta' korrezzjoni tal-volum kif stipulat fit-Tabella 6

Il-fattur ta' korrezzjoni termodinamiku $\frac{25 - T_c}{20}$ huwa d-differenza fit-temperatura bejn it-temperatura nominali ta' kompartiment, T_c (definita fit-Tabella 2), u t-temperatura tal-ambjent f'kundizzjonijiet ta' ttestjar standard b'temperatura ta' + 25 °C, indikata bħala proporzjon mal-istess differenza għal kompartiment għall-ħżin ta' ikel frisk b'temperatura ta' + 5 °C.

Il-fatturi termodimaniċi għall-kompartimenti deskritti fil-Punti (i) sa (p) tal-Anness I huma stipulati fit-Tabella 5.

▼B

Tabella 5

Fatturi termodinamiċi għal kompartimenti tat-tagħmir refriġeranti

Kompartiment	Temperatura nominali	$(25 - T_c)/20$
Kompartiment Ieħor	Temperatura tad-disinn	$\frac{25 - T_c}{20}$
Kompartiment b'temperatura moderata/ Kompartiment għall-ħżin tal-inbid	+ 12 °C	0,65
Kompartiment għall-ħżin ta' ikel frisk	+ 5 °C	1,00
Kompartiment taċ-chiller	0 °C	1,25
Kompartiment li fih isir is-silġ u kompartiment 0-stilel	0 °C	1,25
Kompartiment bi stilla waħda	– 6 °C	1,55
Kompartiment b'zewġ stilel	– 12 °C	1,85
Kompartiment bi tliet stilel	– 18 °C	2,15
Kompartiment għall-iffriżar tal-ikel (kompartiment b'erba' stilel)	– 18 °C	2,15

Noti:

(i) għall-kompartimenti b'diversi użi, il-fattur termodinamiku jiġi ddeterminat skont it-temperatura nominali, li tidher fit-Tabella 2, tat-tip ta' kompartiment l-aktar kiesaħ li tista' tiġi ssettjata mill-utent aħħari u li tinżamm kontinwament skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

(ii) għal kwalunkwe taqsima b'żewġ stilel (fi friżer), il-fattur termodinamiku jiġi ddeterminat b'temperatura T_c = – 12 °C;

(iii) għal kompartimenti oħrajn, il-fattur termodinamiku jiġi ddeterminat bit-temperatura tad-disinn l-aktar kiesħa li tista' tiġi ssettjata mill-utent aħħari u li tinżamm kontinwament skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Tabella 6

Valur tal-fatturi ta' korrezzjoni

Fattur ta' korrezzjoni	Valur	Kundizzjonijiet
FF (mingħajr silġ)	1,2	Għall-kompartimenti għall-ħżin mingħajr silġ ta' ikel iffriżat
	1	Fil-każijiet l-oħra
CC (klassi klimatika)	1,2	Għal tagħmir tal-klassi T (tropikali)
	1,1	Għal tagħmir tal-klassi ST (subtropikali)
	1	Fil-każijiet l-oħra
BI (ingastat, *built-in*)	1,2	Għal tagħmir ingastat usa' minn 58 cm
	1	Fil-każijiet l-oħra

Noti:

(i) *FF* huwa l-fattur ta' korrezzjoni tal-volum għal kompartimenti mingħajr silġ.

▼B

(ii) *CC* huwa l-fattur ta' korrezzjoni tal-volum għal klassi klimatika partikolari. Jekk it-tagħmir refriġeranti jkun ikklassifikat f'aktar minn klassi klimatika waħda, għall-kalkolu tal-volum ekwivalenti tintuża l-klassi klimatika li jkollha l-ogħla fattur ta' korrezzjoni.

(iii) *BI* huwa l-fattur ta' korrezzjoni tal-volum għal tagħmir ingastat.

(3) KALKOLU TAL-INDIĊI TAL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (EEI) ta' mudell ta' tagħmir refriġeranti tad-dar, il-Konsum tal-Enerġija Annwali ta' kwalunkwe tat-tagħmir refriġeranti tad-dar jiġi mqabbel mal-Konsum tal-Enerġija Annwali Standard.

(1) L-Indiċi tal-effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija jiġi kkalkulat u aġġustat sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

$$EEI = \frac{AE_c}{SAE_c} \times 100$$

fejn:

— AE_C = il-Konsum tal-Enerġija Annwali tat-tagħmir refriġeranti tad-dar

— SAE_C = il-Konsum tal-Enerġija Annwali Standard tat-tagħmir refriġeranti tad-dar.

(2) Il-Konsum tal-Enerġija Annwali (AE_C) jiġi kkalkulat, f' kWh/sena u aġġustat sat-tieni ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

$$AE_c = E_{24h} \times 365$$

fejn:

— fejn E_{24h} huwa l-konsum tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti tad-dar f' kWh/24h, aġġustat sa tliet ċifri wara l-punt deċimali.

(3) Il-Konsum tal-Enerġija Annwali (SAE_C) jiġi kkalkulat, f' kWh/sena u aġġustat sat-tieni ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

$$SAE_c = V_{eq} \times M + N + CH$$

fejn:

— V_{eq} huwa l-volum ekwivalenti tat-tagħmir refriġeranti tad-dar

— għal tagħmir refriġeranti tad-dar li jkollu kompartiment għat-tkessiħ b'volum tal-ħżin mhux inqas minn 15-il litru, *CH* għandu valur ta' 50 kWh/sena

— It-Tabella 7 turi l-valuri tal-*M* u tal-*N* għal kull kategorija ta' tagħmir refriġeranti tad-dar

Tabella 7

Valuri tal-*M* u tal-*N* skont il-kategorija tat-tagħmir

Kategorija	M	N
1	0,233	245
2	0,233	245
3	0,233	245
4	0,643	191
5	0,450	245
6	0,777	303
7	0,777	303

▼B

Kategorija	M	N
8	0,539	315
9	0,472	286
10	(*)	(*)

Noti:

(*) għat-tagħmir refriġeranti tad-dar tal-Kategorija 10, il-valuri tal-*M* u tal-*N* jiddependu mit-temperatura u l-klassifikazzjoni bl-istilel tal-kompartiment li jkollu l-aktar temperatura tal-ħżin baxxa li tista' tiġi ssettjata mill-utent aħħari u li tinżamm kontinwament skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Meta t-tagħmir ikollu biss "kompartimenti oħrajn" kif definiti fit-Tabella 2 u fil-punt (p) tal-Anness I, jintużaw il-valuri tal-*M* u tal-*N* tal-Kategorija 1. It-tagħmir b'kompartimenti bi tliet stilel jew kompartimenti għall-iffriżar tal-ikel jitqies bħala friġġ-friżers.

▼**M1**

ANNESS V

Il-verifika tal-konformità tal-prodott mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

It-tolleranzi tal-verifika ddefiniti f'dan l-Anness huma marbutin biss mal-verifika tal-parametri mkejla mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u ma għandhomx jintużaw mill-manifattur jew mill-importatur bħala tolleranza permessa biex jiġu stabbiliti l-valuri inklużi fid-dokumentazzjoni teknika jew biex jiġu interpretati dawk il-valuri, bil-għan li tinkiseb il-konformità jew biex tiġi kkomunikata prestazzjoni aħjar akkost ta' kollox.

Meta jivverifikaw il-konformità ta' mudell ta' prodott mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/125/KE, għar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Anness, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw din il-proċedura:

(1) L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw unità waħda tal-mudell.

(2) Il-mudell għandu jitqies konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk:

(a) il-valuri mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika skont il-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2009/125/KE (il-valuri dikjarati) u, meta applikabbli, il-valuri użati għall-kalkolu ta' dawn il-valuri ma jkunux aktar favorevoli għall-manifattur jew għall-importatur milli jkunu r-riżultati tal-kejl korrispondenti mwettaq skont il-paragrafu (g) tiegħu; kif ukoll

(b) il-valuri dikjarati jkunu jissodisfaw r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u kull informazzjoni fuq il-prodott meħtieġa li jippubblikaw il-manifattur jew l-importatur ma jkunx fiha valuri li jkunu aktar favorevoli għall-manifattur jew għall-importatur mill-valuri dikjarati; kif ukoll

(c) meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jittestjaw l-unità tal-mudell, il-valuri stabbiliti (il-valuri tal-parametri rilevanti kif imkejla waqt it-testijiet u l-valuri kkalkulati minn dan il-kejl) ikunu fi ħdan it-tolleranzi tal-verifika rispettivi kif turi t-Tabella 1.

(3) Jekk ma jinkisbux ir-riżultati msemmija fil-punti 2(a) jew (b), il-mudell u kull mudell li ġie elenkat fid-dokumentazzjoni teknika tal-manifattur jew tal-importatur bħala mudell tat-tagħmir refriġeranti tad-dar ekwivalenti, għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament.

(4) Jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 2(c), l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu tliet unitajiet oħra tal-istess mudell biex jiġu ttestjati. Inkella, it-tliet unitajiet l-oħra magħżula jistgħu jkunu ta' xi wieħed mill-mudelli jew aktar li tniżżlu fid-dokumentazzjoni teknika tal-manifattur jew tal-importatur bħala mudelli ekwivalenti.

(5) Il-mudell għandu jitqies konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk, għal dawn it-tliet unitajiet, il-medja aritmetika tal-valuri stabbiliti tkun fi ħdan it-tolleranzi tal-verifika rispettivi mogħtija fit-Tabella 1.

(6) Jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 5, il-mudell u kull mudell li ġie elenkat fid-dokumentazzjoni teknika tal-manifattur jew tal-importatur bħala mudell tat-tagħmir refriġeranti tad-dar ekwivalenti, għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament.

(7) Meta tittieħed id-deċiżjoni tan-nuqqas ta' konformità tal-mudell skont il-punti 3 u 6, l-awtoritajiet tal-Istat Membru għandhom jipprovdu kull informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu mogħtija fl-Anness III u fl-Anness IV.

▼**M1**

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw biss it-tolleranzi tal-verifika stabbiliti fit-Tabella 1 u għandhom jużaw biss il-proċedura deskritta fil-punti 1 sa 7 għar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Anness. M'għandha tintuża l-ebda tolleranza oħra, lanqas dawk stabbiliti fi standards armonizzati jew f'xi metodi oħrajn tal-kejl.

Tabella 1

It-tolleranzi tal-verifika

Parametri	It-tolleranzi tal-verifika
Il-volum gross	Il-valur stabbilit m'għandux ikun inqas mill-valur dikjarat b'aktar minn 3 % jew 1 l (litru), skont liema jkun l-akbar valur.
Il-volum tal-ħżin	Il-valur stabbilit m'għandux ikun inqas mill-valur dikjarat b'aktar minn 3 % jew 1 l (litru), skont liema jkun l-akbar valur. Meta l-utent ikun jista' jibdel il-volumi tal-kompartiment b'temperatura moderata u tal-kompartiment għall-ħżin tal-ikel frisk, b'mod relattiv għal xulxin, il-volum għandu jiġi ttestjat meta l-kompartiment b'temperatura moderata jkun tnaqqas għall-minimu possibbli.
Il-kapaċità tal-iffriżar	Il-valur stabbilit m'għandux ikun inqas mill-valur dikjarat b'aktar minn 10 %.
Il-konsum tal-enerġija	Il-valur stabbilit m'għandux jaqbeż il-valur dikjarat (E_{24h}) b'iktar minn 10 %.
Il-konsum tal-enerġija elettrika tat-tagħmir refriġeranti tad-dar li jkollu volum tal-ħżin inqas minn 10 litri	Il-valur stabbilit m'għandux jaqbeż il-valur dikjarat b'iktar minn 0,10 W.
L-umdità tat-tagħmir għall-ħżin tal-inbid	Il-valur stabbilit tal-umdità relattiva ma għandux jaqbeż il-firxa dikjarata b'iktar minn 10 % fi kwalunkwe direzzjoni.

▼B

ANNESS VI

Punti ta' riferiment indikattivi għal tagħmir refriġeranti tad-dar

Fiż-żmien li dan ir-Regolament daħal fis-seħħ, ġie ddeterminat li l-aħjar teknoloġija disponibbli fis-suq tat-tagħmir refriġeranti tad-dar f'termini tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*) tagħhom u ta' kemm jagħmlu storbju kienet din li tidher hawn taħt.

Friġġijiet, bil-kompressjoni:

— *EEI* = 29,7 u konsum tal-enerġija annwali ta' 115 kWh/sena għal volum tal-ħżin totali ta' 300 litru f'kompartiment għall-ħażna tal-ikel frisk u f'kompartiment chiller ta' 25 litru, u klassi klimatika T (tropikali);

— Storbju: 33 dB(A).

Friġġijiet, tat-tip bl-assorbiment:

— *EEI* = 97,2 u konsum tal-enerġija annwali ta' 245 kWh/sena għal volum tal-ħżin totali ta' 28 litru f'kompartiment għall-ħażna tal-ikel frisk, u klassi klimatika N (temperatura moderata);

— Storbju ≈ 0 dB(A).

Friġġ-friżers, tat-tip bil-kompressjoni:

— *EEI* = 28,0 u konsum tal-enerġija annwali ta' 157 kWh/sena għal volum tal-ħżin totali ta' 255 litru, li 236 litru minnhom f'kompartiment għall-ħażna tal-ikel frisk u 19-il litru f'kompartiment friżer b'erba' stilel, u klassi klimatika T (tropikali);

— Storbju = 33 dB(A).

Friżers li jinfetħu minn quddiem, tat-tip bil-kompressjoni:

— *EEI* = 29,3 u konsum tal-enerġija annwali ta' 172 kWh/sena għal volum tal-ħżin totali ta' 195 litru f'kompartiment friżer b'erba' stilel, u klassi klimatika T (tropikali);

— Storbju = 35 dB(A).

Chest freezers, tat-tip bil-kompressjoni:

— *EEI* = 27,4 u konsum tal-enerġija annwali ta' 153 kWh/sena għal volum tal-ħżin totali ta' 223 litru f'kompartiment friżer b'erba' stilel, u klassi klimatika T (tropikali);

— Storbju = 37 dB(A).